REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 159/2008

tal-21 ta' Frar 2008

li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 800/199 u (KE) Nru 2090/2002 rigward verifiki fiżiċi mwettqa meta jiġu esportati prodotti agrikoli li jikkwalifikaw għar-rifużjoni

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Waqt li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 386/90 tat-12 ta' Frar 1990 dwar is-sorveljanza mwettqa fil-waqt ta' l-esportazzjoni tal-prodotti agrikoli li jirċievu rifużjonijiet jew ammonti oħra [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1784/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 18 tiegħu, u d-dispożizzjonijiet korrispondenti tar-regolamenti l-oħra dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti agrikoli,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 800/1999 tal-15 ta' April 1999 li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli [3] u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2090/2002 tas-26 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi regoli dettaljati biex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 386/90 rigward verifiki fiżiċi mwettqa meta jiġu esportati prodotti agrikoli li jikkwalifikaw għar-rifużjoni [4] jipprovdu għar-regoli dwar il-verifiki fiżiċi u għall-verifiki ta' sostituzzjoni mill-uffiċċju doganali għal prodotti esportati bi dritt għal rifużjoni. Fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba, il-problemi li ssemmew mill-Istati Membri fir-rapporti annwali tagħhom dwar il-verifiki fiżiċi u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti ta' l-Awdituri Ewropea, jeħtieġ li jsiru emendi xierqa.

(2) Qabel ma' jitwaħħlu s-siġilli l-uffiċċju doganali ta' l-esportazzjoni għandu jwettaq verifika viżiva għall-konformità bejn il-prodotti ta' rifużjoni u d-dokumenti. Verifiki viżivi għall-konformità għandhom l-għan li jtebu l-miżuri ġenerali ta' kontroll fil-qafas tal-proċedura doganali u huma ta' natura differenti mill-verifiki ta' sostituzzjoni kif deskritti fl-Artikolu 10(4) tar-Regolament (KE) Nru 2090/2002 jew il-verifiki fiżiċi kif deskritti fl-Artikolu 5 ta' l-istess Regolament. Il-verifika viżiva għall-konformità għandha tagħti konferma lill-uffiċċju doganali li l-prodotti mgħobbija huma tat-tip kif imsemmi fid-dokumenti. Fil-prinċipju prodotti jew oġġetti li ma jitgħabbewx u l-ippakkettjar tagħhom la jinfetaħ u lanqas jitneħħa. F'każ li verifika viżiva għall-konformità tiżvela li jista' jkun hemm problema ta' konformità, l-uffiċċju doganali jista' jiddeċiedi li jesegwixxi verifika fiżika skond ir-Regolament (KEE) Nru 386/90. Livell minimu ta 10 % ta' verifiki viżivi għall-konformità jitqies bħala effettiv, proporzjonat u konvinċenti. Għal finijiet ta' informazzjoni, l-uffiċċju doganali ta' l-esportazzjoni għandu jinnota l-verifika għall-konformità tiegħu fuq il-kopja ta' kontroll T5 jew l-ekwivalenti tagħha.

(3) L-uffiċċju doganali għandu jkun mgħarraf dwar ir-rata tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni fi kwistjoni meta jagħżel id-dikjarazzjonijiet ta' l-esportazzjoni għal verifiki fiżiċi jew għal verifiki ta' sostituzzjoni. Għaldaqstant din l-informazzjoni għandha tissemma fid-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni u fil-kopja ta' kontroll T5 jew id-dokument ekwivalenti. Madankollu, f'xi Stati Membri l-awtoritajiet ikkonċernati diġà jiddisponu mill-istess informazzjoni. Konsegwentement esportaturi jistgħu jiġu eżentati mill-obbligu li jsemmu din l-informazzjoni jew fid-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni, jew fil-kopja ta' kontroll T5 jew id-dokument ekwivalenti, jew it-tnejn.

(4) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva ta' l-obbligu li tissemma' r-rata tar-rifużjoni ta' l-esportazzjoni, jeħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet li jiskoraġġixxu informazzjoni li ma tkunx preċiża. Għalhekkk għandha tiġi stabbilita sistema xierqa ta' penalità. Fil-każ ta' differenzi sostanzjali bejn ir-rifużjoni li ġiet ikkalkolata skond ir-rifużjoni ta' l-esportazzjoni msemmija u r-rifużjoni ta' l-esportazzjoni li attwalment tkun tapplika, l-uffiċċju doganali jista' jkun żvijjat serjament, jekk ma jwettaqx il-kontrolli meħtieġa. B'mod partikolari jekk l-esportatur jindika rata li tirrappreżenta rifużjoni ta' esportazzjoni taħt l-EUR 1 000 u r-rifużjoni applikabbli tkun aktar minn EUR 10 000, il-penalità għandha tkun effettiva, proporzjonata u konvinċenti.

(5) Sabiex il-verifiki jiġu ffokati aktar fuq il-prodotti għall-esportazzjoni li jkopru ammont relattivament għoli ta' rifużjonijiet, għandhom jogħlew il-limiti għas-selezzjoni, li taħthom il-kontrolli ġeneralment ma jitqisux għall-kalkolu tar-rati minimi ta' kontroll, espressi fi kwantitajiet jew f'ammonti ta' rifużjonijiet.

[1] ĠU L 42, 16.2.1990, p. 6. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 14/2008 (ĠU L 8, 11.1.2008, p. 1).

[2] ĠU L 270, 21.10.2003, p. 78. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 735/2007 (ĠU L 169, 29.6.2007, p. 6). Ir-Regolament (KE) Nru 1784/2003 se jiġi sostitwit bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 b'seħħ mill-1.7.2008.

[3] ĠU L 102, 17.4.1999, p. 11. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1001/2007 ĠU L 226, 30.8.2007, p. 9).

[4] ĠU L 322, 27.11.2002, p. 4. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1001/2007.

(6) Għandha tiġu minimizzata l-prevedibbiltà ta' verifiki doganali kkawżata minn xejra regolari ta' verifki mill-awtoritjaet doganali. Għaldaqstant, il-ħinijiet tal-wasla ta' l-awtoritajiet doganali fl-istabbilimenti ta' l-esportatur u għat-twettiq tal-verifki għandhom ivarjaw. B'mod parallel, l-esportaturi għandhom ikunu marbuta aktar strettament biex ma jissostitwixxux prodotti wara li tkun ġiet ippreżentata d-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni u qabel ma jaslu l-uffiċjali doganali, billi jidentifikaw il-prodotti għall-esportazzjoni qabel ma jitgħabbew. Ir-reġistrazzjoni tal-verfiki fiżiċi ta' l-awtoritajiet doganali għanda tiġi adattata skond dan.

(7) Meta Stat Membru japplika t-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KEE) Nru 386/90 għandu jkun possibbli li jiġu applikati d-dispożizzjonijiet speċifiċi stabbiliti bl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 2090/2002.

(8) Verifiki ta' sostituzzjoni għandhom jiġu applikati għall-esportazzjonijiet kollha li ma ġewx ikkontrollati fiżikament fil-bidu tal-proċedura. L-għadd ta' verifiki ta' sostituzzjoni u verifiki ta' sostituzzjoni speċifiċi flimkien għandu jkopri kampjun rappreżentattiv ta' l-esportazzjonijiet li jitilqu mit-territorju doganali tal-Komunità. Iċ-ċifra ta' dawn il-kontrolli għandha għalhekk tiġi bbażata fuq perċentwal ta' l-għadd tal-kopji ta' kontroll T5 jew dokumenti ekwivalenti, aktar milli fuq l-għadd ta' ġranet minn meta l-prodotti ta' rifużjoni jkunu telqu mit-territorju doganali tal-Komunità.

(9) Sabiex jiġi deċiż jekk humiex meħtieġa verifiki ta' sostituzzjoni jew verifiki ta' sostituzzjoni speċifiċi l-uffiċċju doganali tal-ħruġ għandu attivament jiċċekkja l-preżenza u l-affidabbiltà tas-siġilli. Livell minimu ta' 10 % ta' kontrolli fuq is-siġilli għandu jitqies bħala effettiv, proporzjonat u konvinċenti.

(10) Id-dispożizzjonijiet dwar rapport annwali fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 2090/2002 għandhom jiġu adattati skond dan.

(11) Ir-Regolamenti (KE) Nru 800/1999 u (KE) Nru 2090/2002 għalhekk għandhom jiġu emendati skond dan.

(12) Il-Kumitati Ġestjonarji kkonċernati ma tawx opinjoni fil-limitu taż-żmien stipulat mill-President tagħhom.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 800/1999 qiegħed jiġi emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) Ir-raba' subparagrafu tal-paragrafu 7 għandu jinbidel b'li ġej:

"Il-prodotti għandhom jiġu identifikati bil-mezzi xierqa qabel il-ħin indikat għall-bidu tat-tagħbien. L-uffiċċju doganali kompetenti għandu jkun jista' jagħmel il-verifiki fiżiċi u jidentifika l-oġġetti għat-trasport lejn l-uffiċċju tal-ħruġ mit-territorju doganali tal-Komunità."

(b) Fil-paragrafu 8 għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Qabel ma jitwaħħlu s-siġilli, l-uffiċċju doganali għandu jagħmel verifika viżiva għall-konformità fuq il-prodotti bid-dikjarazzjonijiet ta' l-esportazzjoni. L-għadd ta' verifiki viżivi ma għandux ikun anqas minn 10 % ta' l-għadd tad-dikjarazzjonijiet ta' l-esportazzjoni, minbarra dawk id-dikjarazzjonijiet li jkopru prodotti li ġew ikkontrollati fiżikament jew li ntagħżlu għall-kontroll fiżiku skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 386/90. L-uffiċċju doganali għandu jniżżel dan il-kontroll fil-kaxxa D tal-kopja ta' kontroll T5 jew id-dokument ekwivalenti billi uża waħda mill-entrati elenkati fl-Anness XIII. Għassena 2008, ir-rata ta' kontrolli għandha tiġi kkalkolata abbażi tad-dikjarazzjonijiet ta' l-esportazzjoni li jiġu aċċettati mill-1 ta' April 2008."

(2) Wara l-Artikolu 8, għandu jiddaħħal l-Artikolu 8a li ġej:

"*Artikolu 8a*

L-esportatur għandu jsemmi r-rata tar-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni f'EUR għal kull unità ta' prodott fid-data ta' l-iffissar minn qabel, kif imsemmi fil-liċenzja ta' l-esportazzjoni jew ċertifikat tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 jew iċ-ċertifikat ta' rifużjoni tal-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1043/2005 (*), fil-kaxxa 44 tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni jew l-ekwivalenti elettroniku tiegħu u fil-kaxxa 106 tal-kopja ta' kontroll T5 jew l-ekwivalenti tagħha. Jekk ir-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni ma kinux iffissati minn qabel, tista' tintuża l-informazzjoni dwar pagamenti ta' rifużjoni għall-istess prodotti jew oġġetti ta' mhux aktar minn 12-il xahar ta' qabel. Jekk il-prodott li għandu jiġi esportat ma jaqsamx il-fruntiera ta' Stat Membru ieħor u jekk il-munita nazzjonali ma tkunx l-EUR, ir-rati ta' rifużjonijiet jistgħu jitniżżlu fil-munita nazzjonali.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżentaw l-esportatur mir-rekwiżiti pprovduti fl-ewwel paragrafu jekk l-amministrazzjoni topera sistema li permezz tagħha s-servizzi kkonċernati jiġu infurmati bl-istess informazzjoni.

L-esportatur jista' jagħżel li ma jniżżilx waħda mill-entrati elenkati fl-Anness XIV għad-dikjarazzjonijiet ta' l-esportazzjoni u l-kopji ta' kontroll T5 u dokumenti ekwivalenti li jkopru ammont ta' rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni li jaqa' taħt l-EUR 1 000.

(*) ĠU L 172, 5.7.2005, p. 24.";

(3) Fl-Artikolu 51 għandu jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. Mingħajr preġudizzju għat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 8a meta jinstab li r-rata ta' rifużjoni ta' l-esportazzjoni skond l-Artikolu 8a ma ġietx imsemmija, ir-rata msemmija titqies bħala żero. Fejn jagħti l-każ li l-ammont ta' rifużjoni ta' esportazzjoni kkalkolat skond l-informazzjoni fl-Artikolu 8a jkun aktar baxx mir-rata applikabbli, ir-rifużjoni dovuta fuq l-esportazzjoni rilevanti għandha tkun dik applikabbli għall-prodotti li attwalment ġew esportati, bit-tnaqqis ta':

(a) 10 % tad-differenza bejn ir-rifużjoni kkalkolata u dik applikabbli għall-esportazzjoni attwali fejn id-differenza tkun aktar minn EUR 1 000;

(b) 100 % tad-differenza bejn ir-rifużjoni kkalkolata u dik applikabbli għall-esportazzjoni attwali meta l-esportatur jindika li r-rifużjonijiet ikunu anqas minn EUR 1 000 u r-rifużjoni applikabbli tkun aktar minn EUR 10 000;

(ċ) 200 % tad-differenza bejn ir-rifużjoni kkalkolata u dik applikabbli meta l-esportatur intenzjonalment jagħti informazzjoni falza.

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika meta l-esportatur jagħti prova li tissodisfa lill-awtoritajiet kompetenti li s-sitwazzjoni msemmija f'dak is-subparagrafu hija minħabba *force majeure*, żball ovvju, jew, fejn applikabbli, li kienet ibbażata fuq informazzjoni korretta preċedenti ta' ħlas.

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika meta japplika l-Artikolu 51(1) għal penalitajiet ibbażati fuq l-istess elementi li jiffissaw id-dritt għal rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni".

(4) Għandhom jiżdiedu l-Annessi XIII u XIV, li t-test tagħhom huwa deskritt fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 2090/2002 qiegħed jiġi emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Meta jinħadmu r-rati minimi ta' verifiki li għandhom jitwettqu skond l-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 3a tar-Regolament (KEE) Nru 386/90, l-Istati Membri għandhom jinjoraw id-dikjarazzjonijiet dwar l-esportazzjoni għal verifiki fiżiċi u l-kopji ta' kontroll T5 jew dokumenti ekwivalenti għal verfiki ta' sostituzzjoni li jinvolvu:

(a) jew kwantitajiet li ma jeċċedux:

(i) 25 000 kg fil-każ ta' ċereali u ross,

(ii) 5 000 kg fil-każ ta' prodotti mhux elenkati fl-Anness I tat-Trattat,

(iii) 2 500 kg fil-każ ta' prodotti oħrajn;

(b) inkella ammonti ta' rifużjoni ta' inqas minn EUR 1 000.";

(b) il-paragrafu 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"3. Meta jiġu implimentati l-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri għandhom jaddottaw dispożizzjonijiet xierqa biex jipprevjenu l-frodi u l-abbużi. Fil-każ li l-Istat Membru japplika l-analiżi tar-riskju skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3122/94 (*) kwalunkwe verifika li tkun saret għal dan il-għan tista' tingħadd għall-finijiet tal-kalkolu tal-konformità bejn ir-rati minimi ta' kontrolli msemmija fil-paragrafu 2.

(*) ĠU L 330, 21.12.1994, p. 31.";

(2) fl-Artikolu 5(2), għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jaċċertaw li jkun hemm varjazzjonijiet fil-bidu tal-verifika fiżika fl-istabbiliment ta' l-esportatur billi jqabblu l-ħin indikat għall-bidu tat-tagħbien kif imsemmi fl-Artikolu 5(7) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999.";

(3) Fl-Artikolu 6, għandha tiżdied il-linja li ġej:

"Meta japplika t-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KEE) Nru 386/90, Stat Membru jista' japplika r-regoli pprovduti fl-ewwel linja.";

(4) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. L-uffiċjal doganali kompetenti għandu jipproduċi rapport dettaljat dwar l-ispezzjoni għal kull verifika fiżika li tkun twettqet.

Rapporti dwar l-ispezzjoni għandu talanqas ikollhom:

(a) il-post, id-data, il-ħin tal-wasla, il-ħin ta' l-ikkompletar, il-mezzi tat-trasport u l-isem u l-firma ta' l-uffiċjal kompetenti, u

(b) id-data u l-ħin tal-wasla ta' l-informazzjoni kif imsemmija fil-punt b) ta' l-Artikolu 5(7) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999, il-ħin indikat għall-bidu tat-tagħbien u t-tlestija tat-tagħbien tal-prodotti fil-mezzi tat-trasport.

Ir-rapporti għandhom jinżammu aċċessibbli għall-konsultazzjoni fl-uffiċċju doganali li jkun wettaq il-verifka fiżika, jew f'post wieħed fl-Istat Membru għal tliet snin sussegwenti mis-sena ta' l-esportazzjoni.";

(5) L-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Minbarra l-prodotti li fuqhom l-uffiċċju doganali ta' l-esportazzjoni jkun wettaq verifika fiżika skond it-tifsira ta' l-Artikolu 2(a) tar-Regola ma kienx wettaq kontroll fiżiku fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KEE) Nru 386/90, għandhom isiru verifiki ta' sostituzzjoni kulfejn possibbli fid-dawl ta' analiżi tar-riskju, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2a u għal verifiki li twettqu skond dispożizzjonijiet oħra.

It-total ta' l-għadd minimu ta' verifiki ta' sostituzzjoni u ta' verifiki ta' sostituzzjoni speċifiċi skond dan il-paragrafu u l-paragrafu 2a li jitwettqu kull sena kalendarja ma għandux ikun anqas minn 8 % ta' l-għadd ta' kopji ta' kontroll T5 jew dokumenti ekwivalenti li jkopru prodotti li fuqhom tintalab id-dritt tar-rifużjoni u li jħallu t-territorju doganali tal-Komunità fl-uffiċċju doganali tal-ħruġ.

Għas-sena 2008, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jikkalkolaw ir-rata ta' kontrolli kif imsemmija fit-tieni subparagrafu abbażi tal-kopji ta' kontroll T5 u dokumenti ekwivalenti li jiġu aċċettati mill-1 ta' Jannar 2008 jew mill-1 ta' April 2008";

(b) il-paragrafu 2a għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2a. L-uffiċċju doganali tal-ħruġ jew l-uffiċċju fejn tintbagħat il-kopja ta' kontroll T5 jew dokument ekwivalenti għandu jiċċekkja s-siġilli. L-għadd ta' kontrolli ma għandux ikun anqas minn 10 % ta' l-għadd totali tal-kopji ta' kontroll T5 u dokumenti ekwivalenti minbarra dawk magħżula għal verifika ta' sostituzzjoni skond il-paragrafu 2.

Fejn l-uffiċċju doganali tal-ħruġ jew l-uffiċċju għand min l-kopja tal-kontroll T5 tintbagħat isib li s-siġilli mwaħħla fil-ħin tat-tluq tneħħew, u mhux taħt is-sorveljanza doganali, inkella tkissru, jew ma ngħatat l-ebda eżenzjoni mis-siġillar skond l-Artikolu 357(4) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, għandu jitwettaq kontroll ta' sostituzzjoni speċifiku. Għas-sena 2008, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jikkalkolaw ir-rata ta' kontrolli kif imsemmija fl-ewwel subparagrafu abbażi tal-kopji ta' kontroll T5 u dokumenti ekwivalenti li jiġu aċċettati mill-1 ta' Jannar 2008 jew mill-1 ta' April 2008";

(ċ) l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Il-verifika ta' sostituzzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha titwettaq permezz ta' verifika viżiva li l-prodotti jew l-oġġetti li jikkorrispondu mad-dokument li ġew magħhom mill-uffiċċju ta' l-esportazzjoni sa l-uffiċċju doganali tal-ħruġ jew l-uffiċċju għand min il-kopja tal-kontroll T5 tintbagħat. Jekk verifika viżiva bħal din dwar il-konsenja sħiħa ma tkunx biżżejjed biex is-sostituzzjoni tiġi kkontrollata, għandhom jintużaw mezzi oħrajn ta' verifika fiżika inkluż, fejn meħtieġ, tagħbien parzjali.";

(d) Il-punt (a) tal-paragrafu 5 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(a) L-għadd ta kopji ta' kontroll T5 u dokumenti ekwivalenti li tqiesu għall-iskopijiet ta' verifiki ta' sostituzzjoni msemmija fil-paragrafu 2 u għall-iskopijiet ta' kontrolli fuq is-siġilli u għal verifiki ta' sostituzzjoni speċifiċi msemmija fil-paragrafu 2a;"

(e) l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 5a għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Kull verifika ta' sostituzzjoni msemmija f'paragrafi 2 u 2a għandha tkun is-suġġett ta' rapport imfassal mill-uffiċjal kompetenti li jwettaqha. Ir-rapport għandu jippermetti l-monitoraġġ tal-kontrolli mwettqa u għandu jkollu d-data u l-isem ta' l-uffiċjal. Il-kontrolli fuq is-siġilli msemmija fil-paragrafu 2a, u l-każijiet ta' tneħħija jew ta' ksur ta' siġilli għandhom jiġu rreġistrati f'konformità ma' l-Artikolu 912ċ (3) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.";

(f) l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 7 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Fejn il-verifika ta' sostituzzjoni jikxef li r-regoli dwar ir-rifużjoni ma ġewx imħarsa, l-aġenzija li tħallas għandha tinforma lill-uffiċċju doganali msemmi fil-paragrafu 5, dwar l-azzjoni meħuda b' riżultat tas-sejbiet."

(6) Fl-Anness I, il-paragrafu 1, għandu jiżdied il-punt c li ġej:

"(ċ) Meta dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni tkopri biss parti mill-konsenja tal-bastiment, l-uffiċċju doganali għandu jaċċerta s-superviżjoni tat-tluq fiżiku tal-konsenja shiha. Għal dan il-għan, meta jitlesta l-proċess ta' tagħbien, l-uffiċċju doganali għandu jivverifika l-piż totali tal-konsenja li tgħabba bl-użu ta' l-informazzjoni taħt il-punt (a) jew (b), flimkien ma', fejn xieraq, l-informazzjoni fid-dokumenti kummerċjali.";

(7) L-Anness III huwa emendat skond l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' April 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Frar 2008.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Fir-Regolament (KE) Nru 800/1999 jiżdiedu l-Annessi XIII u XIV:

"*ANNESS XIII*

Entrati msemmija fl-Artikolu 5(8)

— *bil-Bulgaru:*	Проверка за съответствие — Регламент (ЕО) № 800/1999
— *bl-Ispanjol:*	Control de conformidad Reglamento (CE) nº 800/1999
— *biċ-Ċek:*	Kontrola souladu Nařízení (ES) č. 800/1999
— *bid-Daniż:*	Overensstemmelseskontrol forordning (EF) nr. 800/1999
— *bil-Ġermaniż:*	Konformitätskontrolle Verordnung (EG) Nr. 800/1999
— *bl-Estonjan:*	Vastavuskontroll. Määrus (EÜ) nr 800/1999
— *bil-Grieg:*	Έλεγχος αντιστοιχίας — Κανονισμός (ΕΚ) αριθ. 800/1999
— *bl-Ingliż:*	Conformity check Regulation (EC) No 800/1999
— *bil-Franċiż:*	Contrôle de conformité Règlement (CE) nº 800/1999
— *bit-Taljan:*	Controllo di conformità regolamento (CE) n. 800/1999
— *bil-Latvjan:*	Regulas (EK) Nr. 800/1999 atbilstības pārbaude
— *bil-Litwan:*	Atitikties patikrinimo Reglamentas (EB) Nr. 800/1999
— *bl-Ungeriż:*	Megfelelőségi ellenőrzés 800/1999/EK rendelet
— *bil-Malti:*	Verifika ta' konformità r-Regolament (KE) Nru 800/1999
— *bl-Olandiż:*	Conformiteitscontrole Verordening (EG) nr. 800/1999
— *bil-Pollakk:*	Kontrola zgodności Rozporządzenie (WE) nr 800/1999
— *bil-Portugiż:*	Verificação de concordância Regulamento (CE) n.º 800/1999
— *bir-Rumen:*	Control de conformitate Regulamentul (CE) nr. 800/1999
— *bis-Slovakk:*	Kontrola zhody Nariadenie (ES) č. 800/1999
— *bis-Sloven:*	Preverjanje skladnosti z Uredba (ES) št. 800/1999
— *bil-Finlandiż:*	Vastaavuustarkastus. Asetus (EY) N:o 800/1999
— *bl-Iżvediż:*	Kontroll av överensstämmelse Förordning (EG) nr 800/1999

ANNESS XIV

Entrati msemmija fl-Artikolu 8a

— *bil-Bulgaru:* Сума на възстановяване под 1 000 EUR

— *bl-Ispanjol:* Restitución inferior a 1 000 EUR

— *biċ-Ċek:* Částka náhrady nižší než 1 000 EUR

— *bid-Daniż:* Restitutioner mindre end 1 000 EUR

— *bil-Ġermaniż:* Erstattung weniger als 1 000 EUR

— *bl-Estonjan:* Eksporditoetus alla 1 000 EURO

— *bil-Grieg:* Επιστροφή μικρότερη από 1 000 EUR

— *bl-Ingliż:* Refunds less than EUR 1 000

— *bil-Franċiż:* Restitution inférieure à 1 000 EUR

— *bit-Taljan:* Restituzione inferiore a 1 000 EUR

— *bil-Latvjan:* Kompensācija, kas ir mazāka par EUR 1 000

— *bil-Litwan:* Išmokos mažesnės negu 1 000 EUR

— *bl-Ungeriż:* 1 000 eurónál kevesebb visszatérítés

— *bil-Malti:* Rifużjonijiet ta' anqas minn EUR 1 000

— *bl-Olandiż:* Restitutie minder dan 1 000 EUR

— *bil-Pollakk:* Refundacja poniżej 1 000 EUR

— *bil-Portugiż:* Restituição inferior a 1 000 EUR

— *bir-Rumen:* Restituire inferioară valorii de 1 000 EUR

— *bis-Slovakk:* Náhrady nižšie ako 1 000 EUR

— *bis-Sloven:* Nadomestila manj kot 1 000 EUR

— *bil-Finlandiż:* Alle 1 000 euron tuet

— *bl-Iżvediż:* Bidragsbelopp lägre än 1 000 euro"

ANNESS II

L-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 2090/2002 huwa emendat kif ġej:

(1) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 1.1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1.1. L-għadd ta' dikjarazzjonijiet ta' l-esportazzjoni kull settur għal kull uffiċċju doganali mhux eskluż taħt l-Artikolu 2 meta tiġi kkalkolata r-rata minima ta' kontrolli. Fil-każ li l-Istat Membru japplika t-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KEE) Nru 386/90, ir-rapport għandu jsemmi l-għadd totali ta' dikjarazzjonijiet ta' l-esportazzjoni fit-territorju tiegħu mhux eskluži skond l-Artikolu 2 għall-kalkolu tar-rata minima tal-kontrolli."

(b) il-punti 1.3, u 1.4 għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"1.3. L-għadd u l-perċentwali ta' verifiki fiżiċi li twettqu f'kull settur u f'kull uffiċċju doganali. Fil-każ li l-Istat Membru japplika t-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KEE) Nru 386/90, ir-rapport għandu jsemmi l-għadd totali u l-perċentwali ta' verifiki fiżiċi li twettqu għal kull settur fit-territorju tiegħu.

1.4. Jekk ikun japplika, lista ta' l-uffiċċji doganali li japplikaw rati mnaqqsa ta' verifiki skond l-Artikolu 6(c). Fil-każ li l-Istat Membru japplika t-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KEE) Nru 386/90, u jekk japplika l-Artikolu 6, ir-rapport għandu jsemmi l-għadd u l-perċentwali ta' verifiki fiżiċi li twettqu għal kull settur u għal kull uffiċċju dognali definit f'dak l-Artikolu.";

(2) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punti 2.1, 2.2 u 2.3 għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"2.1. L-għadd ta' kopji ta' kontroll T5 u dokumenti ekwivalenti f'kull uffiċċju doganali tal-ħruġ fejn il-prodotti li għalihom saret talba għad-dritt ta' rifużjoni jitilqu mit-territorju doganali tal-Komunità, jitniżżel skond:

(a) L-għadd ta' kopji ta' kontroll T5 u dokumenti ekwivalenti li jkopru esportazzjonijiet li ġew ikkontrollati fiżikament skond it-tifsira ta' l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KEE) Nru 386/90;

(b) l-għadd ta' kopji ta' kontroll T5 u dokumenti ekwivalenti li jkopru esportazzjonijiet li ma ġewx ikkontrollati fiżikament skond it-tifsira ta' l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KEE) Nru 386/90;

(c) l-għadd totali ta' kopji ta' kontroll T5 u dokumenti ekwivalenti.

2.2. L-għadd u l-perċentwali tal-verifiki ta' sostituzzjoni u tal-verifiki ta' sostituzzjoni speċifiċi msemmija fil-paragrafi 2 u 2a ta' l-Artikolu 10, li twettqu f'kull uffiċċju doganali tal-ħruġ fejn il-prodotti li għalihom saret talba għad-dritt ta' rifużjoni jitilqu mit-territorju doganali tal-Komunità.

2.3. L-għadd ta' kopji ta' kontroll T5 u dokumenti ekwivalenti li minnhom tneħħew is-siġilli li kienu twaħħlu mat-tluq għajr taħt is-superviżjoni ta' l-uffiċċju doganali, jew fejn is-siġilli inkisru jew inkella ma ngħatatx l-eżenzjoni mis-siġillar skond l-Artikolu 357(4) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.";

(b) il-punt 2.4 għandu jitneħħa;

(c) għandu jiżdied il-punt 2.8 li ġej:

"2.8. Għas-sena 2008, l-Istati Membri għandhom jindikaw kif tiġi kkalkolata r-rata ta' kontrolli skond l-Artikolu 10(2) u l-Artikolu 10(2a)."

(3) fil-paragrafu 3, il-punt 3.1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"3.1. Deskrizzjoni tal-proċeduri għas-selezzjoni tal-konsenji għal verifiki fiżiċi, għal verifiki ta' sostituzzjoni u għal verifiki ta' sostituzzjoni speċifiċi u l-effettività tagħhom."